It-Tnax-il Sena Lulju-Dicembru 1942 Għadd 137-142

Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*ĠĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)*



MIN FUQ IL-ĦERBA TA' DJARNA MĠARRFA
NIBQGĦU NXANDRU L-ĠIEĦ TA' MALTA MALTIJA

X'FIH DAN IL-ĠĦADD

Editorjal	Anton Calleja
Ferħa qasira	Dr. Ġużè Galea
Xemgħa mixgħula	Fran. Camilleri
Ix-xogħol ta' Francis Berry	Anton Calleja
Min għandu daru tal-ħġieġ...	Prof. P. P. Saydon
Għanja ta' Fil-għaxija IV	Anton Kassar
It-triq tagħna	Ġ. Cassar Pullicino
Lil Marti	K Vassallo
Sinonmi Maltin	Prof. Ġ. Aquilina
X'Kitbulna	

LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)"

LULJU - DIĊEMBRU 1942] IT-TNAX-IL SENA [Għadd 137-142

EDITORJAL

LIL HINN MINNA

L-Amerka, l-Ingilterra, ir-Russja u ċ-Ċina—fuq dawn wara l-gwerra jaqa' l-pis tad-dinja l-ġdida. F'idejn dawn l-erbgħa, mifruxin mad-dinja kollha, qiegħed l-Ordni, jew id-Diżordni, il-ġdid. Tajjeb li hemm xi ħaġa bħal-*Atlantic Charter* u li Smuts fid-diskors tiegħu dan l-aħħar ħares mhux lejn il-ġid tal-Imperu biss imma lejn il-ġid tad-dinja kollha.

Fl-Ingilterra bħalissa hemm bħal mewġa ta' entusjażmu għal pjanijiet ta' ħajja aħjar: dan hu sinjal tajjeb u tajjeb ukoll li dil-mewġa tilħaqna hawn f' Malta. Fil-gwerra l-oħra waqt li ż-żgħażagħ kienu qed jitqabdu, it-tifsil tal-paċi tħalla f'idejn ix-xjuħ li baqgħu wara, d-dar. U hekk il-paċi ta' wara l-gwerra l-oħra kienet paċi marida. Tifsil u bini għandu jitħalla f'idejn iż-żgħażagħ : huma għandom jippjantaw id-dar li se joqogħdu fiha. Għall-biċċa l-kbira minn dawn, il-lum bl-uniformi, il-gwerra tfisser qagħad u d-dieqa li tiġi mill-qagħad. Tajjeb li din id-dieqa titneħħa bi ħsibijiet ta' bini u ta' tifsil aħjar.

AĦNA

Kif bħal pajjiżi oħra, jekk mhux aktar, Malta ġarrbet il-qirda u l-mewt li ġġib magħha l-gwerra, bħalhom ukoll jaqbel li wara l-ġlieda tqum u titfarfar mit-trab tat-taqbida. Fl-aħħar numru xandarna artiklu fuq il-mard ta' Malta llum, Hemm bżonn infiequ: hemm bżonn

mhux biss inbatu bla ma nafu għalfejn imma wkoll inxammru ħalli nerġgħu nibdew nibnu. Iċ-ċokon tagħna mill-banda l-waħda jfixkilna: ma jistax ikollna dik il-għażla, dik il-ħidma, il-varjetà u l-wesgħa li ssib f'pajjiżi kbar. Imma aħna maħniex weħidna. Bħal parti — u parti importanti — fl-Imperu Ingliż m'hemmx għaliex m'għandniex inkunu ekonomikament sħaħ. Dan jidher ċar, mir-rigal ta' £10.000,000 li sarilna. Mill-banda l-oħra ċ-ċokon tagħna u l-fatt li aħna marbutin bi Lsien u b'Fidi waħda jgħinuna biex inkunu iktar 'nistgħu nsewwu t-tfixkil tagħna.

IL-KUSTJONI SOĊJALI

Bħal f'kullimkien din hi l-ewwel problema li titfaċċa quddiemna, imma hawnhekk mhix tqila daqs kemm tista' tkun f'ħafna artijiet oħra. Hawnhekk għadu jinsab l-individwu jaħdem u jgħix għalih. Għad hawn il-bidwi, is-sajjed, il-mastrudaxxa. Għalhekk il-problema mhix il-glieda bejn is-sid u l-ħaddiem daqs kemm hi l-ħtieġa li naraw li dawn il-ħaddiema ma jinqerdux bil-kompetizzjoni minn barra u li l-ħlas tagħhom ikun biżżejjed biex igħixu ta' nies. F'Malta f'erba' waħda ta' miljun ruħ m'għandux ikun hemm għażla kbira bejn klassi u oħra: hemm bżonn li l-fqir u s-sinjur jifhmu l-xulxin u jekk mhux bis-sewwa bid-dnewwa, jaħdmu id f'id. Għal darb' oħra bi pjaċir insemmu x-xogħol tal-*Malta Catholic Social Guild*; għad li x-xogħol ta' din l-Għaqda għadu ma nħassx biżżejjed minn barra, din qiegħda taħdem u, jekk titmexxa tajjeb, għad tista' tkun ta' ġid għal Malta.

IT-TAGĦLIM

Aħna li għandna għal qalbna dak kollu li jolqot 'l Malta ħadna gost bil-miġja fostna ta' Mr Clarence Ellis. Is-sistema tat-Tagħlim f'Malta għanda bżonn tagħarbila u tnaqqija sewwa. Hemm bżonn li nibdew naħdmu issa:

infasslu u nippjantaw minkejja l-gwerra u **mhux norqdu** kif hu rieqed il-*Board.* Aħna dejjem sostnejna — sa mill-ewwel ħarġa — il-ħtieġa tal-*compulsory education* : illum aktar minn qabel meta ħafna tfal jiġru biss mattoroq bla lġiem u bla rażan. Tajjeb li lil dawn, il-biċċa l-kbira minnhom ulied il-ħaddiem ngħallmuhom il-Malti u l-Istorja ta' pajjiżhom li hi r-rabta ta' bejnietna u nagħtuhom is-sengħa. Għad jiġi żmien li dawn joħorġu barra minn Malta; għalhekk jaqbel li jkunu jafu fuq arthom għallinqas daqs il-barrani. Fost ħwejjeġ oħra biex ma jwaqqgħuniex f'għajnejn il-barranin jeħtieġ ngħallmuhom kif iġibu ruħhom, jiġifieri l-edukazzjoni fil-veru sens tal-kelma. Huthom akbar minnhom, qrabathom u misserijiethom qed jiġġieldu għal Malta lejl u nhar. Lejhom ukoll għandna dmir x'naqdu: fihom ukoll hemm bżonn niftakru meta jerħu l-azzarini minn idejhom. Huma wkoll għandhom jedd għat-tagħlim u għal kull ħaġa sabiħa li tista' tagħti l-ħajja. Ħila jitgħallmu għandhom: jidher ċar mix-xogħol tekniku u ta' taħbil ir-ras li ħafna minnhom qed jagħmlu issa. It-tagħlim ta' dawn jista' jsir bit-twaqqif ma' Malta u Għawdex ta' skejjel ta' wara x-xogħol: b'films u b'kull għajnuna oħra moderna jistgħu jitgħallmu u jitħarrġu biex f'Malta u barra minn Malta ma jibqgħux jagħmlu dejjem l-agħar xogħol. Din tidher forsi ftit tqila. Imma hekk kif aħna ma qtajniex qalbna biex ngħallmu lil dawn in-nies is-sengħa tal-qirda, lanqas għandna nieqfu biex ngħallmuhom is-sengħa sabiħa tal-kultura. U hawn tidħol u tinħass il-ħtieġa tal-Malti u tal-missjoni li għandna quddiemna. Il-Malti rriduh għal dawn : irridu nxerrduh biex ngħallmu l-ħutna: biex nagħmlu l-ħajja isbaħ għal dawk li lejl u nhar qed jishru għalina. U mhux dawn biss : hemm bżonn li l-mara Maltija tkun iktar mgħallma: ma tkunx biss il-pupa ta' Ibsen u l-ġugarell talfizzjali.

U hekk kollox katina, ħolqa torbot mal-oħra. It-tagħlim, jekk ikun kif imissu, juri xinhuma l-affarijet ta' ħtieġa għall-ħajja. Bit-tagħlim nistgħu nuru 'l ħutna li kull bniedem għandu postu fis-sistema soċjali u li dan ukoll jekk ikun l-iżgħar wieħed mhux b'daqshekk anqas ta' ħtieġa u ta' ġieħ mill-oħla; hekk tispiċċa dik il-mibegħda bejn il-ħaddiem u s-sinjur li tiġi biss minnuqqas ta' ftehim. Fuq kollox it-tagħlim tal-Malti u tal-kitba Maltija jitfa' dawl ieħor fuq il-ħajja għal dawn innies, jiftaħ il-moħħ għal dinjiet oħra ta' letteratura, ta' arti, ta' storja u ta' kull ħaġa oħra li tagħmel il-ħajja isbaħ. Dan kollu nistgħu nagħmluh. Kull wieħed minnha jista' jgħin.

BOARD OF EDUCATION

Wara ħafna ktib fil-gazetti, wara ħafna talb ilħiħ minn ħafna bnadi, wara ħafna ħsieb u taħbit, wara ħafna żmien ukoll, twieled f'Malta l-*Board of Education*. Ferħu dawk li xtaquh, għax ħasbu li issa Malta, għal dak li hu tagħlim, sa titbiddel bħal-lejl man-nhar. Kull-ħadd ikun għaref, jew għallinqas kullħadd ikun jaf kemm jaħtieġ. Għaddew ħafna xhur; il-*Board* bil-kemm għadu beda jaħdem, u dawk li xtaquh u li ferħu fi twelidu issa bdew jistaqsu: X'sar minnu l-*Board of Education?* Lil dawn inweġbuhom: ma nafux. Biss ingħarrfuhom, dak li jmisshom jafu, li mhux kull min jitwieled jibda jaħdem minnufih; irid igħaddi ftit taż-żmien biex jikber u jissaħħaħ. U x'uħud imutu qabel ma jilħqu jikbru. Smajna li ftit ilu saret laqgħa, aktarx l-ewwel laqgħa, biex xi skejjel tal-Gvern, li bħal issa qiegħed isir fihom xogħol ieħor, jerġgħu jinfetħu għat-tagħlim. Aħjar minn xejn! Mela l-*Board* għadu ma mietx.

MINN BARRA

Wara r-ruħ il-ġisem: wara li nkunu bnejna l-Malta minn ġewwa, tajjeb nibnuha kif jixraq minn barra.

Aħna m'aħniex periti imma dak kollu li jolqot 'l Malta minn ġewwa jew minn barra jolqot lilna wkoll. Jogħġbuna d-diskussjonijiet li bil-ħsieb isiru fuq dan fil-British Institute: dan hu għallinqas sinjal ta' ħajja x'imkien. Minn barra wkoll Malta ġdida hemm bżonn tkun ġdida għal kollox. Il-bini qadim kien sabiħ imma fl-istess ħin kien ukoll ta' tfixkil. Hemm bżonn li ma nħarsux aktar lura jekk irridu nimxu 'l quddiem. Malta m'għadiex iżjed tal-Kavalieri: Malta llum hi biċċa ħajja minn Imperu kbir; hemm bżonn li mimlija ħeġġa tħares 'l quddiem u dejjem Maltija timxi man-nazzjonijiet kbar ħutha.

ŻBALJI KOMUNI FL-EŻAMIJIET.

Hafna miż-żgħażagħ aktarx jagħmlu l-istess żbalji fil-kitba tal-Malti sewwa fl-eżami tal-Matrikola, sewwa f'eżamijiet oħra. Dawn huma xi ftit:

1. Verbi li jibdew b'*għ* jinkitbu b'*j* flok *i* fl-imperfett, hekk: *biex jgħid* (igħid), *ried jgħaddi* (igħaddi).

2. Il-*għ* miktuba barra minn lokha, hekk: *jgħamel* (jagħmel).

3. Verbi li fl-imperfett igħaqqdu f'ħoss wieħed il-preformattiv *t* mal-ewwel radikali jinkitbu bħal nom bl-artiklu, hekk: *is-sabbat* (tsabbat, issabbat) *id-dendel*, *it-tajjar*.

4. Nomi bis-suffissi jieħdu l-artiklu, hekk: *il-ħuk*.

5. Il-*għ* imdaħħla kull fejn hemm ħoss ta' vokali twila, hekk: *bil-mogħd* (môd), *jagħra* (jara).

Ortografija ħażina taħti li xi żgħażagħ ma jgħaddux.

ANTON CALLEJA

FERHA QASIRA

Commander Herbert George Jones kien ilu għoxrin sena fin-Navy; għoxrin sena ta' ħidma bla mistrieħ u ta' safar bla hedu. Minn daqsxejn ta' Midshipman baqa' tiela' sakemm bil-għaraq ta' ġbinu u bil-għaqal ta' moħħu laħaq Commander; kien Fizzjal ta' reqqa kbira fis-servizz, jilħaq ma' l-irqaqat kollha u ma jaħrablu xejn minn taħt għajnejh, ma kien jaħfer l-ebda għelt u ma jagħlaq għajnejh għall-ebda nuqqas; fejn jeħtieġ hu kien jaqbeż għal dawk ta' taħtu, iżda kien irid li huma jagħmlu dmirhom minn rajhom u kif imiss u ħażin għalih minn jinqabad jiskarta mix-xogħol tiegħu.

Bħala Commander, Mr. Jones ma kienx hemm Fizzjal li jinqala' aktar minnu, izda b'daqshekk f'dawn l-aħħar snin huwa kien baqa' bla ma ngħażel biex javanza u jilħaq Kaptan; ta' kull darba fl-ewwel tas-sena u f'nofs is-sena, meta jixxandru l-ismijiet ta' dawk li javanzaw fin-Navy, Commander Jones kien iħoss għafsa ta' qalb meta jara oħrajn jogħlew u jitilgħu u huwa jibqa' fejn ikun donnu minsi mill-Kbarat tal-Ammiraljat; kien iħoss ruħu miksur u mriegħex għax kien jidhirlu li ma jmisshomx jinsewh u jwarrbuh wara li hu kien jaqdi dmiru sewwa u kif imiss, u fid-dwejjaq ta' qalbu m'hux darba jew tnejn għaddielu ħsieb minn moħħu li jitlaq in-Navy, iżda kull darba kien jiftakar f'ibnu li kien għadu kemm jibda l-karriera tiegħu fin-Navy u mħabba fih kien jitqanna u jissabbar u jimmansa biex ma jagħmelx xi ħaġa li tisfa' ta' deni lil ibnu.

Commander Jones kien qiegħed igħix għal ibnu u kull ma jagħmel, kull ma jixtieq, kull ma jħawwel kien bil-fehma li jgħaddi 'l quddiem lil ibnu, Midshipman George Herbert Jones, li ma kellux ħliefu. Commander Jones ma kellux kapriċċi u ma kienx ħażin minn daru, imma sewwa hu kemm martu kellhom moħħom mimli b'dak binhom li minnu kienu jistennew ħwejjeġ kbar, it-tama tagħhom kienet kollha fih u l-ħena tagħhom kienet meta jġibuh quddiem għajnejhom kbir u miqjum, kmand għoli u tal-ġieh, Ammirall imfaħħar, bil-bandiera tiegħu tperper fuq l-aqwa ġifen.

Għalhekk Commander Jones kellu xewqa kbira li jilħaq Kaptan; hu kien jixtieq jilħaq m'hux biex javanza daqs kemm biex ikun jista' jiswa lil ibnu; għax Midshipman George

Herbert Jones, bin il-Kaptan Herbert George Jones, kien aktar idoqq f'widnejn il-Kapijiet u l-Irjus Kbar tal-Ammiraljat. Iżda Commander Jones kien baqa' bla ma temm xewqtu u issa kien fl-aħħar tal-karriera tiegħu għax jekk fl-aħħar tas-sena ismu ma jidherx fil-lista tal-Kaptani ġodda hu kien ikollu jħalli u jitlaq mis-servizz biex jagħmel il-wisa' għal dawk ta' warajh.

* * *

Kien jum l-aħħar tas-sena u Commander Jones kien iħoss ruħu fuq ix-xwiek, kien mifxul, maqtugħ, ħosbien; għadda nofs ta' nhar tiela' u nieżel minn fuq il-kverta għal fuq il-*bridge* jew għal isfel fil-*gunroom*. Ma kellux qagħad u kien jidher imħawwad għall-aħħar, kultant wiċċu kien jiddi bil-hena tat tama u minn xi daqqiet bħal sħaba sewda kienet iddallamlu ġbinu; f'qalbu kien qiegħed iħoss taqlib kbir; dak il-jum kellu jkun għal Commander Jones jew it-tmiem tal-ħajja tiegħu fis-servizz jew il-qabża għal post aktar għoli u tal-ġieh mnejn kien jista' aktar ibiġġel lil ibnu fit-triq li kellu jgħaddi minnha.

Il-Commander ħass diqa kbira meta ġieb quddiem għajnejh li fi ftit sigħat oħra kellu mnejn isellem għall-aħħar darba l-*Quarter-deck* u jħalli n-Navy, dik in-Navy li għaliha kien inxteħet bil-ħrara ta' qalbu kollha minn meta daqsxejn ta' *snotty* kien ħareġ mill-kulleġġ ta' Dartmouth imqanqal mill-ħeġġa taż-żgħużija; it-tifkira ta' l-imgħoddi, it-tahbit, it-tbaħħir u x-xogħol iebes li huwa dejjem indaħal għalihom bla tkewtil stħajjilhom qishom ġraw il-bieraħ u raġa' ħass il-ferħ li kull darba kien iġarrab meta, bi ħlas tal-ħidma tiegħu, kien javanza għal post aqwa u ogħla; hu kien iħoss ruħu b'saħħtu u jiflaħ għad-deffa. Tgħid iseħħlu jilħaq Kaptan? Għal dan il-ħsieb ħass bħal tferfira f'qalbu u tbissima feġġet fuq xufftejh; bħala Kaptan kien jaqbad it-triq aktar għolja li setgħet twasslu għal ġieh akbar u barra dan kien jibqagħlu medda ta' snin oħra, fis-servizz u f'dawk is-snin min jaf fejn seta' jilħaq Fizzjal bħalu li qatt ma qata' qalbu mis-servizz.

Dawk il-ftit sigħat li kien baqagħlu biex tinqatagħlu xortih Commander Jones rahom twal ma jgħaddu qatt u kien jixtieqhom itiru malajr ħalli jaqta' ż-żarda, iżda kien jibża' u jitkexkex mix-xorti ħażina li setgħet tmissu malli l-arloġġ jaqleb għall-ewwel tas-sena u f'dak il-qtigh ta' qalb il-Commander ħass ruħu qisu mdendel bejn is-sema u l-art jistenna minn ħin għal ieħor jew li jinqata' u jistabat ma' l-art jew li jintrefa' u jogħla 'l fuq.

Il-baħrin u l-Fizzjali l-oħra kienu jidhru ferħanin u henjin jistennew tidħol sena oħra, sena li huma kienu jistennew li ġġibilhom kull ġid u risq; f'dak l-aħħar jum tas-sena kulħadd kien nesa l-hemm tal-gwerra u kien jittama li s-sena l-ġdida ġgib il-paċi, il-hena u s-sliem. Wara xahrejn safar fuq il-baħar għassa mal-konvojiet, ħbit għas-sottomarini u sparar fuq l-ajruplani tal-għadu, il-frejgata tal-Commander Jones kienet daħlet il-port tissewwa, titnaddaf u sserraħ in-nies. Malli niżlu l-art il-baħrin tawha għal ħala u ddivertew kemm felħu iżda f'dak l-aħħar jum tas-sena kull min kien fuq dik il-frejgata ħass faraġ bla qies imnissel mill-hena tat-tama għal żmien aħjar. F'jum bħal dak qabel il-gwerra, kienu jżejnu l-frejgata bil-kif, fil-messijiet kienu jdendlu trieħi u fanali tal-karti ta' bosta lwien u weraq tal-palm u tiżjin bil-ħaxix hekk li kull fejn iddawwar wiċċek ma tarax ħlief ġmiel u hena, iżda din is-sena l-gwerra rażżnet kull fawra ta' ferħ; madankollu abbord kien hemm bħal fewġa ta' sliem u ta' tama fiż-żmien li ġej.

Commander Jones ma kellux sabar jieqaf imkien, daħal u ħareġ kemm-il darba fil-gabina tiegħu, dar il-bastiment kollu għal darba tnejn, daħal f'kull rokna u niżel fl-istivi kollha, kien miexi mifxul, jiskarta lil sħabu, il-ħin kollu jtajjar il-ħsieb tal-għada minn rasu iżda minnufih kien jarġa' jġib quddiem moħħu x'sej ikun għażlu ma' sbieħ il-għada: jew promozzjoni u ġieh, kobor u qawwa jew minsi minn kulħadd u l-karriera tiegħu fin-Navy mitmuma.

Meta dalam Commander Jones kien donnu bniedem mitluf fih in-nifsu u kien jidher mikdud minn ħsibijiet koroh; kemm-il wieħed mill-Fizżjali sħabu kien tħajjar igħaddilu kelma ta' faraġ u ta' tama, imma kollha beżgħu li jekk isemmulu fuq l-avanz tiegħu aktar iħawduh; fl-aħħar it-Tabib Commander Smith, li kien ilu ħafna jafu lil Jones u kien ħabib tiegħu tal-qalb, resaq fuqu u daħħlu jieħu grogg.

Fil-mess kien hemm ħafna Fizzjali: min jixrob, min jidħak, min jiċċajta; xi erbgħa minnhom kienu miġburin ma' dwar wieħed minn sħabhom li kien idoqq fuq il-pjanu, ikantaw għalenija *"There is a Tavern in the Town"* u kienu jkantaw hekk bil-ħrara li donnhom kien jinħteġilhom ixandru ma' l-erbat irjieħ li fil-belt kien hemm dik it-tverna.

Malli daħal Jones, xi erba' Fizzjali qalulu: "x'se tixrob Commander ?"

"Ġin b'qatra Angostura".

Il-Fizzjali għollew it-tazzi.

"Bis-saħħa tiegħek Commander" qal wieħed.

"Nixtiqulek kull risq", tenna ieħor.

"Jalla iseħħlek kull ma tixtieq qalbek", żied ieħor.

Commander Jones telgħetlu għoqla għal grizmejh, ried kieku jiżżiħajr lil dawk sħabu għax ħass li huma kienu minn qalbhom jixtiqulu xorti tajba, iżda ħass ruħu mifxul u ma għarafx x'jibda jgħid; qatt daqs dak in-nhar ma għaraf kemm qalbu kienet marbuta man-Navy u ma' sħabu l-Fizzjali l-oħra u l-ħsieb li jinfired minnhom għal dejjem beżżgħu u kexkxu. It-Tabib Smith malajr għaraf x'kien għaddej minn moħħ Jones u wara li xorbu, ġibdu u ħarġu miegħu fuq il-kverta.

Dawk iż-żewġ Fizzjali damu għal ftit tal-ħin jippassiġġaw fuq il-kverta bla ma jgħidu kelma; imbagħad f'daqqa waħda Commander Smith qal lil Commander Jones:

"Herbert, għax ma tmurx tgħaddi dan il-lejl id-dar".

"Ma xtaqtx ninkwieta lill-mara meta tarani ma' wiċċha b'dan il-qtigħ ta' qalb fuqi."

"Inti kemm qtajt qalbek!"

"Nibża' li s-sena d-dieħla ma taranix aktar abbord".

"Ħallik minn dan! Isma' minni, inżel u mur id-dar. Mrs. Jones tkun tistenniek f'dan l-aħħar lejl tas-sena".

"Jekk tiġi aħbar ħażina?"

"Ikollok il-mara biex tfarrġek u taqsam id-dwejjaq miegħek".

Commander Jones baqa ħosbien u ħiemed. Smith raġa' qallu:

"Ara x'nagħmlu; inti mur id-dar; jekk tasal aħbar tajba jien nieħu ħsieb nibagħthielek malajr ma' baħri, jekk sa nofs siegħa wara li jdoqq nofs il-lejl ma jasallek xejn jiġifieri li ma tkunx waslet aħbar tajba għalik".

Jones baqa' jaħseb għal ftit tal-ħin, imbagħad qal:

"Kos sewwa qiegħed twissini; jekk tiġi aħbar ħażina aħjar tasalli d-dar fejn ma jkunx hemm barranin li jaraw id-dwejjaq tiegħi, jekk tkun aħbar tajba, naqsam il-ferħ tagħha ma' marti."

* * *

Commander Jones daħal id-dar tiegħu qisu ras maqtugħa, ma kellu ħajra ta' xejn u bilkemm sellem lil martu li marret iddur bih bil-ħrara ta' qalbha kollha.

"Taqtax qalbek, Herbert! Għandi xi jgħidli li l-lejla kollox iseħħ kif tixtieq qalbna" qalet Mrs. Jones biex idderri lil żewġha. Iżda Commander Jones kellu swied il-qalb li ma bħalu u bilkemm wieġeb għal ħajr ta' martu, imbagħad f'daqqa donnu ftakar f'xi ħaġa u staqsa:

"George tagħna għadu ma baghtilniex is-sena t-tajba?"

"Naħseb li ddawwar biex it-telegramm bit-tislija tiegħu jaslilna malli tidħol is-sena l-ġdida".

Commander Jones u martu kielu bis-skiet u fil-ħemda, imbagħad wara l-ikel hu qabbad il-pipa u mar inxteħet fuq pultruna għal taparsi jaqra, iżda l-ħin kollu kien iħares bil-ħatfa lejn l-arloġġ donnu jibża' minnu, imbagħad għalaq il-ktieb u mar qabbad ir-radju, iżda malli sama l-ġazz għalqu malajr u fetaħ ġurnal; imma beda jqallbu bla ma jaqra. Mrs. Jones kienet bil-qiegħda taħdem is-suf, b'għajnejha msammra fuq żewġha u titħassru taraħ f'dik il-qagħda.

Wara ftit daħlet is-seftura u bla ħsejjes poġġiet gabarrè bil-kafè fuq tavolin, imbagħad waqfet tħares lejn is-sinjura li għamlitilha sinjal biex titlaq.

Mrs. Jones qabdet kikkra u mlietha bil-kafè sħun idaħħan, imbagħad staqsiet lil żewġha:

"Żewġ kuċċarini żokkor, hux?"

Il-Commander mejjel rasu u martu newlitlu l-kafè fil-waqt li qaltlu:

"Ħu din il-kikkra kafè u tajjar kull ħsieb minn rasek."

Commander Jones ra għajnejn martu jiddu bil-ħrara ta' qalbha u qara fihom l-imħabba li dik martu kellha tħeġġeġ għalih, ħass tqanqila ta' għożża u fetaħ qalbu magħha.

"Minħabba fik u minħabba fit-tifel tagħna l-aktar li nixtieq navanza biex narakom it-tnejn aktar meqjumin, henjin u ferħanin."

Mart Jones qabditlu idu għafsithielu u weġbitu: "X'irrid iżjed? Għandi lilek, għandi 'l ibni; sakemm jibqagħli lilkom ma jonqosni xejn."

Dak il-ħin l-arloġġ instama' jdoqq nofs il-lejl. Commander Jones u martu nħasdu u tbikkmu, bilkemm felħu jagħtu s-sena t-tajba lil xulxin; issa minn ħin għal ieħor huma kienu jistennew tinqata' x-xorti tagħhom, kellu mnejn dak il-ħin stess fil-wisa' tas-smewwiet kienet għaddejja bħal berqa l-aħbar bir-radju li Commander Jones laħaq Kaptan. Iżda kieku dik l-aħbar ma

tasalx u hu jibqa' minsi bħal drabijiet oħra? Għal dan il-ħsieb hu ħass bħal ħedla f'riġlejh u nxteħet fuq il-pultruna.

Mrs. Jones xtaqet tgħid xi ħaġa lil żewġha, imma l-kliem kien imutilha fuq xufftejha, fl-aħħar qaltlu:

"Herbert, għamilt sew il-lejla ġejt tgħaddiha hawn miegħi."

Commander Jones ħares lejn martu b'għajnejh miksurin u ma għarafx iweġibha, madanakollu nofs il-lejl kien daqq u l-ħin għaddej dejjem mat-tektik tal-arloġġ u dawk it-tektikiet Jones ħasshom bħal daqqiet f'qalbu, f'daqqa waħda qabduh dwejjaq kbar, qam bil-herra u mar jiftaħ it-tieqa, iżda malli fetaħha nstama' bħal tgeġwiġ ġej mit-triq ta' taħtu, tgeġwiġ imsieħeb ma' daħk u għajat ta' ferħ.

Il-Commander baqa' wieqaf bla ma tħarrek minn wara t-tieqa, iżda martu qamet tiġri u marret irtasset miegħu biex tisma' hi wkoll, imbagħad huma t-tnejn taw ħarsa bil-ħatfa lejn xulxin filwaqt li ħassew tferfira ta' hena fi qlubhom. Mrs. Jones qabdet id żewġha u fil-waqt li rassithielu ma' qalbha qaltlu:

"Nifraħlek! Ġejjin sħabek iwasslulek il-bxara tajba."

* * *

Bla telf ta' żmien il-bieb infetaħ u xi għaxar fizzjali ntefgħu ġewwa d-dar tal-Commander Jones jeħdulu b'idejh, jifirħulu għax laħaq Kaptan u jixtiequ lilu u lil martu s-sena t-tajba; f'radda ta' salib mewġa ta' ferħ donnha għattiet id-dar; fejn qabel kien hemm ħemda u skiet ta' ksir il-qalb issa nstemgħu daħk u għajat ta' faraġ u sliem; beda x-xorb, xi ħadd qabbad ir-radju, u kollha fetħu fommhom biex jiżvogaw l-hena ta' qlubhom.

"Malli waslet il-lista ta' dawk li avanzaw u sibna ismek fost dawk li laħqu Kaptani, in-nies kollha ta' abbord infexxew f'għajat ta' ferħ u aħna ġejna niġru bl-aħbar tajba," qal wieħed mill-Fizzjali lil Jones.

"Jien u marti niżżukhom ħajr bil-qalb kollha" wieġeb il-Commander li dak il-ħin sthajjel ruħu tala' sas-seba' sema, dak il-mument kien għalih il-milja tax-xewqat ta' qalbu, biex jasal f'dak il-mument Jones kien għadda bosta snin iħabrek, iħawtel u jaħdem; issa qalbu kien iħossha bħal imhenna f'sakra ta' hena u tqanqila ta' ferħ kienet tħeġġiġlu ġismu kollu. Dak il-ħin wasal baħri jilheġ bil-ġiri u newwel telegramm lil Commander Jones.

"It-telegramm biex igħarrfuk li lħaqt Kaptan!" qalu xi erba' Fizzjali lil Commander Jones; dan poġġa t-telegramm fuq mejda, daħħal idu fil-but, ħareġ żewġ liri u tahom lill-baħri filwaqt li qallu biex imur fil-kċina jieħu grog, imbagħad dar fuq sħabu u stedinhom biex jerġgħu jimlew it-tazzi; dawk ma qalux le u damu hekk qatigħ, jixorbu, jifirħu, jiċċaċċraw u jidħku.

F'daqqa waħda nfetaħ il-bieb u daħal it-Tabib Commander Smith; kien jidher miblugħ u mifxul, kellu wiċċu mqarras u għajnejh miksurin; malli rah Commander Jones inqata', mela rasu u resaq lejn Smith biex jara x'kien inqala'; it-Tabib ġibed lil Commander fil-ġenb u bit-tlaqliq staqsih:

"Mela ma wasallekx it-telegramm?"

Jones qalbu għamlet tik u b'biża' kbir fuqu wieġeb:

"Għadu kemm kien hawn il-baħri bit-telegramm."

"Bgħatthulek jien biex jasal hawn qabel dawn il-Fizzjali."

"Għaliex?" ħettef Jones.

"Mela għadek ma qrajtux it-telegramm?" staqsa Smith b'għaġeb kbir fuqu.

"Xħettu fuq il-mejda bla ma ftaħtu. Mhux l-aħbar tal-avanz tiegħi?" qal Jones b'għajnejh imberrqin donnu kien qiegħed jibża' mill-aħbar li kien fih it-telegramm.

It-Tabib baqa' sieket donnu ma jafx x'jibda jgħid u kif iwieġeb, fl-aħħar ħares sfiq lejn Jones, medd idu fuq spalltu u qallu:

"Herbert, dejjem żammejtek b'raġel ta' ħila u qatt ma naf li inti waqajt taħt it-toqol tal-għali u tan-niket."

"X'fih dak it-telegramm?" staqsa Jones b'għajnejh iridu jtajjru x-xrar.

Smith telgħetlu għoqla għal griżmejh u bħal tbikkem, imbagħad għamel sforz u wieġeb b'leħen maħnuq:

"Dak it-telegramm fih aħbar fuq ibnek, wasal malli konna nafu li inti lħaqt Kaptan u għalhekk fittixt bgħatthulek malajr għax xtaqt li jasallek qabel l-aħbar ta' ferħ".

Jones ħa dehxa u qabditu rogħda li bil-kemm felaħ jieqaf fuq riġlejh u

"Ibni miet!" qal.

"Intilef il-lum, meta l-lanċa li kien fuqha ħabtet ma' *mine* u taret."

Commander Jones ra 'dalma quddiem għajnejh, ħass il-kamra ddur bih, intreħa ftuq siġġu, għatta rasu b'idejh u ħarġitlu karba minn qiegħi qalbu. Mrs. Jones resqet mifxula ħdejn żewġha. Dak il-ħin ir-raġju kien idoqq il-għanja *"I Pray for You."* Missier u omm Midshipman George Herbert Jones ħassew qalbhom trid tinqasam....

ĠUŻE GALEA

Xemgħa Mixgħula

Il-bieraħ, bix-xemgħa quddiemi,
kont naqra rumanz... ftuq saltniet;
bdejt ngħaġġel ħa' nfittex intemmu:
ħakmuni tal-kotba x-xenqiet.

'Mma x-xemgħa, xħin waslet fi tmiemha,
bdiet tnaqqas dawlitha, bdiet tmil:
kien ilha l-imsejkna ddawwalli:
kemm kotba qrat miegħi f'lejl twil!....

Urietni fis-safa mħabbitha
u l-ħlewwa fix-xrara tan-nar;
stħajjiltu d-dmugħ nieżel ma' wiċċha
xħin ċarċar imdewweb il-qtar.

Sa l-aħħar, ja xemgħa, bqajt tikbes,
fil-ftila ħallejtli n-nirien....
imma issa fik biss ifakkruni
il-kotba li qrajna flimkien....

FRAN. CAMILLERI.

Ix-Xogħol ta' Francis Berry

Xeħta Ġdida fil-Letteratura Ngliża

Lehma — immaġinazzjoni, u setgħa fuq il-kliem — f'dawn qiegħda s-saħħa u l-qawwa tal-poeżija u s-siwi ta' poeta għandu jitqies minn kemm iħaddem dawn it-tlitt kwalitajiet mhux fi bċejjeċ 'l hawn u 'l hemm imma fix-xogħol tiegħu f'daqqa. Ix-xogħol ta' Mr. Berry li deher s'issa qiegħed fit-tliet kotba, "Gospel of Fire" "Snake in the Moon" u "The Iron Christ" u poeżija oħra "Spain 1939" li dehret fin-numru tar-rebbiegħa, "The Wind and The Rain". F'dawn it-tliet kotba li jiena qegħidt kif dehru, wieħed wara l-ieħor, naraw kif kibru u twessgħu f'ruħ li taf tassew tħoss it-tliet kwalitajiet fuq imsemmija.

'The Gospel of Fire' deher fl-1933 meta l-kittieb kien għad għandu sittax-il sena: jidher li l-id li qiegħda tikteb għadha żgħira imma jidher ukoll li l-ħarsa tal-kittieb fuq id-dinja ta' madwaru hi kollha kemm hi tiegħu. U kif fix-xagħri, għalina għeri għal kollox, il-kaċċatur jilmaħ l-għażżiela ħafifa, bekk ukoll il-poeta jilmaħ kullimkien sbuħija li aħna qatt ma konna noħolmu. Hemm bżonn l-għajnuna, l-istimulu tal-poeta u tal-pittur biex iġegħilna naraw is-sbuħija tal-forma u l-lwien tal-ħolqien. Fix-xogħol ta' Francis Berry *hemm* dan l-istimulu: dan hu n-nar tal-vanġelu tiegħu. Francis Berry m'għandux bżonn, bħal poeti Maltin, imur lejn is-siġar u l-għoljiet u s-sħab għall-ispirazzjoni. Kollox hu għalih soġġett tal-poeżija: belt ingliża mitfugħa fil-ħemda ta' nhar ta' Ħadd fil-għaxija, Lampost, baħri xiħ u mċerċer jiġri mat-triqat—fuq dawn jikteb, jew aħjar kiteb meta kien għadu żgħir u tuqhom kellu ħila jitfa' d-dawl u l-qawwa tal-poeżija li ma jistgħux jiġu biss ħlief minn ruħ poeta. Din il-ħila li jara s-sbuħija fejn donnha mhix hi don tal-poeta. Imma l-lehma weħidha mhix biżżejjed: trid ukoll l-immaġinazzjoni, jew kif kien isejjaħlu Coleridge, il-*feeling*. Lehma weħidha tagħtina poeżija deskrittiva, niexfa u bla ħajja: lehma u mmaġinazzjoni flimkien jerfgħu l-poeżija barra ż-żmien u jagħtuha xeħta u lewn dejjiema, u hawnhekk hi l-immaġinazzjoni ta' żagħżugħ, kollha tama u ħajja li tħares fuq id-dinja. Fejn il poeta kbir Ingliż tal-lum, T. S. Eliot ma jarax ħlief:

The burnt out ends of smoky days
The smell of stake in passage ways,

il-poeta żagħżugħ jara:

Houses late erected
Embered in the green,
Red bricks reflected flushed in slanting rays
Of setting sun.

It-tfajla li naraw kull fil-għodu sejra l-uffiċċju hi għalih mimlija poeżija daqs in-nisa msemmija tal-Qedem:

She seemed Diana running through the woods.
She seemed the primal Eve reclining in
A paradisal glade, her golden flesh
Glinting in the sun, her body, thighs and arms
Divinely shaped, and in her hand she holds
The fruit, the tempting fruit, and offers it
To Man. Dido she seemed, all beauty bare
Upon the storm-lashed shore willing full half
Her mighty love to leave her stricken breast
And occupy Aeneas. She Cleopatra seemed
Radiant in undulated barge.

Ħadid u magni ma jeżistux biss biex niddubbaw bihom u nisħtuhom; il-karozza hi miraklu:

Streamlined aluminium chastity—
O Artemis of the Great West Road,
Shifting silver secrets as she flies.
Her tonneaux like the breasts of foam-born
Cythereaur furnaced in the factory.
Wheelwings Juno-wristed: O miracle
Of man-made majesty.

Id-dinja tal-lum—il-ħajja mgħaġġla kif ngħixuha llum bil-magni—u l-gazzetti u xiri u bejgħ—dawn kollha huma biċċa mis-sensazjoni poetika tal-kittieb. Hawn il-magna tar-ritratti:

The camera with his artistic chivalry
Gives me his piercing flash of focus rapture:
Though you adorn an opening sheet
Of an illustrated social weekly,
Advertising underwear,—
However mean the purpose of that poise
Now I admire the camera's darting fire
That shook the hot heart of the universe
And gave its bodied beauty
In a bare instant.

Dan iġegħilna ninsew ix-xeħħa u s-serq u r-reġistri.

And if I meet that rotund business man,
I'll say You surely advertize
Not corset-wear but Paradise!

L-essenza, il-qalba tar-Romantiċismu hi din il-ħila li tħares fuq dinja qadima b'għajnejn ġodda: dan hu li ġiegħel lill-professur Wilson Knight, kritiku famuż ta' Shakespeare jara fix-xogħol ta' Berry il-bidu ta' Romantiċismu ta' xeħta ġdida fil-letteratura Ngliża.

Mat-tieni ktieb "Snake in the Moon", il-lehma titwessa': mhux iżjed id-dinja ta' barra daqs kemm ruħu stess tinteressa l-poeta. Hawn hi l-mistqarrija tiegħu:

You ask what I would be?
I would be a rocket
All power compressed into a little socket.

But lit by a Lady's hand
Gently, the taper trying
Then applying
Light.

Il-"compresed power" turi l-imħabba għal ħajja mgħaġġla u mħabbta tan-Nordiċi: il-"lady's hand" turi li l-kittieb issa stenbaħ għal xi ħaġa ġdida: is-sess u l-imħabba. L-għaġeb issa hija Eva, il-vini tagħha:

Quicksilver injected into limestone
Swerving and sizzling with a droning fury
Like that singing insect called mosquito
Singing, winging, ringing in the aurnal orifice.
Or like the road-drill spirting sperm through concrete,
Screeching exilirtic through a grinding surface—
Such were Eve's veins.
Magnetic wires twisted by turbines
Lacing and lashing her flesh in livid ecstasies.

U l-"Virgin under the Moon":

Passive
As the sacred walls of Troy
Against Achean attackers.

Ma' dan kollu l-poeta qatt ma jinsa li kull ma jiġi maż-żmien, maż-żmien ukoll jintemm:

Love Dies:
There's skull beneath the skin,
No eyes—but hollows gape and hideous is
The skeleton.

Dawn bis-sbuħija tagħħom pagana kienu jiġbdu u jħajru lil dan iż-żagħżugħ. Jistgħu jidhru għal xi ħadd iktarx lussusi imma warda mhix inqas sabiħa għax velenuża. Il-poeżija hi dak li tagħmilha: taħbat fil-moħħ kif ġebla taħbat f'għadira; il-mewġ li tħarrek jitwessa' f'ċirkijiet li kull ma jmur jitwessgħu. Hekk igħid Aldous Huxley. It-tifsir ta' poeżija jiddependi mill-ħila tal-qarrej: iktar ma tkun wiesgħa l-viżjoni iktar tfisser għalih il-poeżija. Din il-preokkupazzjoni bis-sess, ta' Francis Berry tissimbolizza ħafna ħwejjeġ: mhux biss il-ġibda tar-raġel għal mara u tal-mara għar-raġel – imma wkoll il-ġibda tal-Vant u l-Punent, it-Tajjeb u l-Ħażin – l-Imgħoddi u l-Preżent — kważi dak kollu illi moħħ miftuħ jista' jimmaġina.

"The Iron Christ" u "Spain 1939" huma l-aħħar kitbiet li dehru minn id Berry. Issa l-poeta jilħaq b'imħabbtu innies kollha u jibda, bħal Shelley, jinteressa ruħu fihom. Hu jfakkar il-ġlied kollu tagħhom fil-waqt li juri dejjem dinja aħjar. U għalhekk "The Iron Christ hi l-poeżija waħdenija ta' żmenijietna fuq il-gwerra li tinżel 'l isfel. In-nies tal-Arġentina u taċ-Ċili sa jibdew jitqabdu: fil-ħdax-il-siegħa jieqfu u bil-balal u l-kanuni jagħmlu Kristu tal-Ħadid fuq l-iġbla ta' bejniethom — għelm u garanzija ta' paċi dejjiema. Hawn deskrizzjoni ħajja ta' Nazzjon li tqum għat-taqbid:

> People turn like tides to speeches, move
> More quickly, blood in tension, hope of charge
> To purpose, promise of heroic blush.
> Masses pool town squares in swords, relief
> Translates a sacred wish to words: To kill,
> Assert the fist—to kill—to crown the race
> With virile name, we'll kill, embrace the iron
> Of gun or helmet, rejoice in pounding loins
> Of squat-mast battleship.

U għandna wkoll mifrux quddiemna l-għaliex ta' dan kollu—l-għaliex tal-gwerra:

> Agony, frustrations, lonely hours,
> Drowned hope, the many omens shouting Yield,
> Withered understandings, throat sob at night,
> Unforgiving tortures, need resolve.
> So wars come.
> No other way than this? With lighted eyes
> Be dishonest, be the virile child.
> Drug disappointment with a warrior poise.

U b'kuntrast il-poeżija tispiċċa b'dehra ta' paċi li tiġi mill-Paċi :

And then over the clear horizon came the rising sun, shaping itself bigger and clearer and fresher in the air. Expanding in yellow radiance he asserted morning glory, so majestically he moved up. Kingly joy. He marshalled like mellow cadences his beams on the snow, directing wild light in a rich deploy which startled condors (who had already had a bad night) into the air. The long, pale, but warming, rays struck a Lapland brilliance, a casket glitter, on that weary snow world, so high, high up, so that the ice began to gleam, and the men of Argentine and the men of Chile embraced each other, the light in their eyes. In ever swelling Andean pride the sun rose and focussed on the Christ. The beams embroidered on his massive dark mouldings, playing caresses on his thighs, flooded his chest, burnished: and last the sun looked into the Iron Christ's eyes, and on the balls fixed a mild blaze.

Fi "Spain 1939" li dehret qabel dil-gwerra, il-kittieb ra minn qabel din it-taqbida li tagħha aħna xhieda llum: il-ġlieda bejn il-Kristu u l-Faxxist li hemm f'kull wieħed minnha :

> In you lives a Fascist and a Christ :
> Flares up the Fascist when you thrill at mid-
> Night rumble of artillery.

Aħna issa rajna l-lehma tal-poeta tinfirex mil-*Lampost* tal-belt ċkejkna tiegħu sa fuq ir-ruħ imħawda ta' l-Ewropa. Imma l-lehma u l-immaġinazzjoni weħidhom ma jagħmlux il-poeżija: hi l-espressjoni, dik is-setgħa fuq il-kliem li ġġiegħel lil poeta jurina dak li jkun ra u ħass hu stess. Kif għedna hemm ċerta qawwa u saħħa fil-poeżija ta' Francis Berry li mhux la kemm tagħlaqha bejn l-erba' ħitan ta' l-istanza. Għalhekk il-biċċa kbira tal-poeżija tiegħu hi miktuba fi *blank verse* jew *verse libre*. "The Iron Christ" miktub biċċa proża u biċċa poeżija: il-kwalità sew tal-proża kemm tal-poeżija tidher ċar mill-bċejjeċ li ġibna hawn fuq. Bħal kull poeżija tajba x-xogħol ta' Berry trid taqrah tgħajjat biex toħroġ is-sbuħija tiegħu kollha: il-poeżija u s-seher huma bħal xulxin: it-tnejn trid tgħajjathom biex jaħdmu.

ANTON CALLEJA.

13/IX/'42

Min għandu daru tal-ħġieġ....

Kollox kien imhejji għat-tieġ. Id-dar imgħammra u mżejjna mill-aħjar. Purtieri, tapiti, qsari; mejda mgħobbija bir-rigali; *wedding-cake* għali qisu kampnar jistenna d-daqqa ratba tal-għarusa; ħelu u xorb li jfakkrek fi żmenijiet li għaddew u min jaf meta jerġgħu jiġu. Is-Sa. Karmen tmekkek minn kamra għall-oħra, issa tħarrek kemm kemm siġġu għax jidhrilha li mhux floku, issa twitti b'riġilha tikmixa f'tapit, issa tqiegħed fejn jidher aħjar biljett marbut b'ħajta ħamra u kaħla ma' rigal, issa tħares lejn il-ħelu u tkeċċi dubbiena b'idha, issa ssejjaħ lill-qaddejja, dejjem sejra bla waqfien, bla serħan. Bintha, l-għarusa, kienet magħluqa f'kamritha, imdawwra b'mirji kbar, b'mejda quddiemha mimlija fliexken u kaxex, labar u molol, terer u fwejjaħ, kollha midhija tagħti l-aħħar daqqa ta' id lil xagħarha, ħaddejha, xufftejha, u idejha. Is-Sur Ġann, missier l-għarusa, kien fis-salott jisma' d-daqq fuq ir-radjo.

Cempila l-bieb ta' barra. Wara nofs minuta dehret il-qaddejja tħabbar żjara lis-Sur Ġann.

—Qallek x'jismu? staqsa s-Sur Ġann.

—Ġorġ; wieġbet il-qaddejja.

—Għidlu jgħaddi,

Ġorġ kien wieħed minn dawk li, għalkemm bla sengħa u bla professjoni, jafu jaqilgħuha tajjeb. Tgħid li kien samsâr tagħmillu għajb, għax kien iżommha ta' sinjur, imma xogħlu kien xogħol ta' samsâr. Issa jixtrilek mezzanin Birżebbuġa u wara siegħa jerġa' jbigħu b'ħamsin lira qligħ; issa ħa biċċa għalqa ċens Raħal Ġdid u reġa' taha għal bini b'ċens ogħla; issa jixtri liri tad-deheb biex jerġa' jbigħhom; issa jgħarrex u jfittex fejn sa jissellef elf lira għall-flien; issa ħaġa u issa oħra, u ta' kull jum tarah il-Belt il-Kafè *Premier* ma' oħrajn tal-qatgħa tiegħu, F'dil-gwerra, u l-aktar f'dawn l-aħħar xhur meta l-ikel beda jonqos f'Malta qabad xogħol ieħor. Trid xkora dqiq? Trid wiżna zokkor? Trid xi ħaġa li ma ssibx tixtri minnha? Għid lil Ġorġ, u Ġorġ jaqdik. Minn fejn kien iġib dak il-ġid ħadd ma kien jaf. Jekk kienx xtrah fil-bidu tal-gwerra bir-rħis u issa qiegħed ibigħu bil-għoli, jew inkella kienx qiegħed ibigħ għal xi ħadd ieħor li ma riedx jidher, hu waħdu kien jafu. Ħallas tajjeb u tkun moqdi, kien igħid, u l-bqija tħabbatx rasek bih.

—X'għandna, Ġorġ? qallu s-Sur Ġann. Oqgħod bil-qiegħda.

—Tajjeb! wieġeb Ġorġ, li moħħu dak il-ħin ma kienx fil-kumplimenti fiergħa. Hux kollox sewwa? żied igħid Ġorġ; qdejtekx tajjeb?

—Tajjeb kemm jista' jkun. Li ma kontx int ma nafx kif kont irrid nagħmel. Ma xtaqtx kieku nżewweġ il binti bħal tifla tar-raħal bla ħelu, bla xorb, bla mistednin, u l-ħelu llum ma ssibux għand Bonaci bħal dari.

—Mela la qdejtek tajjeb, qabeż igħid Ġorġ, naħseb li issa tagħtini dik it-teftifa li kien baqa' bejnietna.

—X'teftifa hi? staqsa mistagħġeb is-Sur Ġann, aħna ma ftehimniex u ħallastek?

—Iva, ftehimna u ħallastni, qal biered, biered Ġorġ. Imma ħa nfakkrek ftit. Bejn dqiq, zokkor, ħalib tal-bott, xorb, u ċekċik ieħor il-kont intela' sittin lira. Inti ridt tagħtini ħamsin. Flaħħar ftehimna ħamsa u ħamsin. Ħallastni u nfridna ta' rġiel. Imma issa la int kont moqdi tajjeb, irrid dawk il-ħames liri ;biex il-kont jibqa' sħiħ kif kien, sittin lira.

—Ma nħallsekx, qallu s-Sur Ġann sħun sħun. Dawn xi bċejjeċ huma! L-ewwel niftiehmu, nħallsek, imbagħad tiġi titlobni iżjed! Dan serq! Aħjar ikun għalik toħroġli 'l barra minn hawn!

—Tisħonx, sur Ġann; m'aħniex niggieldu. Nitkellmu bil-kwiet. Taf inti, żied igħid qisu x-xitan igħallem il-qdusija, taf inti li fi żmenijiet bħal dawn dal-ħelu kollu bil-*wedding-cake* u l-ġelati hu frotta barra minn żmienha, biex ma ngħidx li hu ksur il-liġi. Ma tridx, sinjur bħalek, li fl-aħħar siegħa qabel it-tieġ tiġi l-pulizija f'darek, u, taf int, la tidħol il-pulizija tqum il-għajdut tan-nies, u jinqala' l-għawġ.

Is-Sur Ġann ma kienx jibża' mit-tehdid. Kellu min jaqbeż għalih, kellu fost il-mistednin min seta' jeħilsu mqar minn difrejn ix-xitan. Jaqaw mhux għall-ħbieb li għamel dak kollu? Xejn bil-moħbi. Faħam miblul ma kellux. Ma kienx jibża'. Imma bħala bniedem tad-dinja kien jaf li jekk tindaħal il-pulizija ma jkunx kollox ħarir. Min-naħa l-oħra anqas ma xtaq iħallas dawk il-ħames liri hekk kiesaħ u biered. Għal-hekk biex jidrob 'il Ġorġ bl-arma tiegħu n-nifsu, qallu:

—Taf int li ma tistax taħżen dqiq u zokkor u ikel ieħor u anqas ma tista' tbigħ b'dak l-għoli barra mit-triq? Taf int li ma nofs kelma li ngħid nibagħtek il-ħabs?

—Tibgħatni, jekk għandek il-ħila twettaq kliemek. Mur id-dar tiegħi, żied igħid Ġorġ bi tbissima niggieża, ħu l-pulizija miegħek, ara ssibx għaxja ta' lejla, Mur, ħu l-imfietaħ,

fittex qalleb, ara għandekx ħila ssibli biss għabra dqiq jew kuċċarina zokkor! U mbagħad, mhux billi tgħid li xtrajt minn għandi u xtrajt bil-għoli. Għandek xhud? Jekk jien niċħad, għandek biex turi li qiegħed tgħid is-sewwa?

Is-Sur Ġann ra bħal sħaba quddiem għajnejh Ħass ruħu fuq art titriegħed. Ftakar fi kliem in-nies li Ġorġ aktarx kien biċċa għodda f'idejn ħaddieħor. Min kien dan? Ħaseb li aħjar ma jtawwalx aktar u jiftiehem. Minkejja fih, daħħal idu fil-but, ħareġ il-ħames liri u b'ħarsa mqita tahom f'id Ġorġ.

Ġorġ ħatafhom, tbissem u qal:

—Raġel int Sur Ġann; jekk ikollok bżonn xi ħaġa għall-magħmudija tal-ewwel tarbija ta' bintek, arani; u taħseb xejn, naqdik mill-aħjar. Il-gwerra mhix sa tispiċċa għal issa.

P. P. Saydon

Għanja ta' fil-għaxija IV

Kull jum, kull fil-għaxija
x'ħin lejn inżulha ix-xemx tkun qiegħda toqrob
u fis-sema tinfirex dik id-dija,
dik id-dija sabiħa,
dik id-dija li ssaħħar,
xi ħaġa nħoss titħarrek ġewwa fija
li tqanqalni biex noħroġ
fil-berah li bħalissa wkoll jinbidel
u bħal jitħallat b'dik il-ħmura mħeġġa
li tidher fuq ix-xefaq.

Noħroġ u naqbad dik it-trejqa ħelwa,
li tieħu lejn l-egħlieqi sbieħ fi lwienhom,
u lejn widien imżejna b'siġar ħodor,
bħalissa mgħammra kull b'agħsafar hienja,
Jgħannu l-agħsafar hienja
U jidwu il-widien bil-għanja tagħhom,

b'dik il-għanja bla tebgħa,
li toħroġ minn ġe' qalbhom bla maħsuba,
għalhekk safja bħal ilma
li jnixxi minn ġol-blat u f'għanjiet ħelwa
jissawwar huwa u nieżel.

Minn fost dan il-ġmiel kollu
ta' widien u għoljiet ilkoll mixgħula
bil-ħeġġa li titnissel fil-għaxija
titla' ħafifa l-għanja ta' foħrija
lill-Ħallieq kbir li għamel dis-sbuħija,
u ma' l-għanjiet imħeġġa tal-ħolqien
titla' wkoll l-għanja tiegħi
safja minn qalbi lejn it-tron ta' l-Ogħla.

"O kbir Alla ta' dejjem !
li xerridt dis-sbuħija ta' madwari
li tixgħel is-smewwiet kull fil-għaxija
bl-isbaħ u bl-ogħna lwien,
li jibqgħu jidhru kemm idum iż-żmien;
O kbir Alla ta' dejjem !
li ħlaqt id-dinja kollha u kull ma fija
li ħlaqt ix-xemx sabiħa
u l-kwiekeb li bil-lejl jiddu dawlija;
li l-ward għanejt bil-fwieħa,
u nissilt l-ilħna ġe' kull ħliqa tiegħek,
l-ilħna li fuqek dejjem ikellmuni
l-ilħna li jibqgħu jmexxuni miegħek,
ibda' kenninni bid-dehriet tal-għaġeb,
li taf, Mulejja, toħloq fil-għaxija.
ibqa' missni bil-ħlewwa,
ħa nħoss ir-roġħda li jagħtuni idejk
biex b'ruħi u ġismi jien ningħibed lejk.
Qawwija r-roġħda minn ta' idejk, O Alla !
u mħabbtek taħdem fuq il-ħsieb u tirbaħ !
ħarset għajnejk issaħħar bi sbuħitha !
u jiġbed bi ħlewwietu l-leħen tiegħek !"

ANTON KASSAR.

IT-TRIQ TAGĦNA

L-ewwel żmien tal-bniedem hu marbut sfiq mal-inħawi fejn ikun trabba jew għax, u dawn ilkoll għandhom sehem kbir fit-tiswir tal-karattru tiegħu. Ħekk id-dar, il-belt jew raħal fejn titwieled jibqgħu miniquxin fil-moħħ bla ma jitħassru b'xejn. Kulħadd ifaħħar id-dar jew triq li jaf hu, għalkemm oħrajn jistgħu ikunu isbaħ u aħjar; u minn ħekk ġejja dik il-ġibda li jiena nħoss lejn it-triq li noqgħod fiha, dik it-triq li, meta nkun nitkellem ma' ħaddieħor, insejħilha "tagħna".

Min jgħaddi l-ewwel darba mit-triq tagħna ma jistagħġibx bħal meta wieħed jara xi ħaġa ġdida li qatt ma kien jistenna. Fit-tul ma ġġibx aktar minn tlitt mitt qasba, u fil-wisa' bilkemm tlaħħaq l-għoxrin xiber. Fuq kull naħa tara djar, biċċa qodma mibnija b'sular wieħed, bil-bieb tond u wiesa' qishom irwiemes; oħrajn m'ilhomx li nbnew, bil-gallarijiet magħluqa bl-injam waħda ħdejn l-oħra. Kull tant il-bini jaqta', u flok djar tal-ġebel tara ħitan tas-sejjieħ bil-ħaxix ħiereġ minn bejn l-ixquq. Daqsxejn ta' bankina għaddejja maż-żewġ ħitan, u t-triq maqluba għal taħtha minħabba l-ilma tax-xita biex ma jistagħdarx. Xi niċċa tal-Madonna, jew talqaddis tar-raħal, tidher 'l hawn u 'l hinn, u n-nies huma u għaddejjin jieqfu igħidu "Sliem għalik Sultana!" quddiemha. F'nofs it-triq dejjem tara daqsxejn taċ-ċaflis, għax in-nies tarmi barra, l-aktar fix-xitwa meta kollox jibqa' sejjer ma' l-ilma. Ma' tulek ja jum ma tarax ħlief tfal jilagħbu fit-trab jew fit-tajn, u xi omm ta' wieħed minnhom ġie li toħroġ tara binha fejn hu u mbagħad tieqaf tpaċpaċ mal-ġara u tinsa lit-tifel! Igħaddu ta' sikwit karrettuni mgħobbija biċ-ċnagen maqtugħin mill-barriera u miġbuda minn bgħula jonfħu b'nifs qawwi u mgħaġġel, u l-ħsejjes tqal tagħhom iriegħdu d-djar u jħallu aktar minn ħofra waħda fit-triq. Tisma' ta' kuljum l-agħjat tal-bejjiegħla taħt it-twieqi, it-tgergir u tpaċpiċ tan-nisa li jkunu qegħdin jixtru, flimkien mat-tħanxir tas-serrieq talmastrudaxxa u d-daqqiet fuq l-inkwina tal-ħaddied.

It-triq tagħna! Liema tifkiriet igħaddu minn quddiem moħħi għal dawn il-kelmiet! Bilkemm hemm roqgħa waħda biss mit-triq kollha li ma naqrax fiha paġna minn ħajti. Kien f'din it-triq li jien għall-ewwel darba bdejt nara d-dawl taxxemx u l-ikħal tas-sema fuq rasi; li jien bdejt nagħraf insejjaħ il-ħwejjeġ b'isimhom sew. B'liema għaġba kienu jimlewni ddehriet ta' madwari! Ħawnhekk tara ċ-ċumnija tal-forn, bid-

duħħan iswed ħiereġ minnha, u jiena, tfajjel beżgħan, kont noqgħod inħares lejh imwerwer, bil-ħarsa mistagħġba u mfixkla... hemmhekk issib dik id-dar tal-bieb wiesa', b'erba tarġiet, dejjem battala għax igħidu li fiha jaraw il-ħares .. u mbagħad hemm is-sqaqijiet, mudlama u magħwġa, fejn konna nistaħbew u nilgħabu "Twila-la"... Għal min trabba u kiber fiha, it-triq tagħna tqanqal it-tifkira ta' bosta ħwejjeġ, illum mitlufa. Ma tibqax iżjed biċċa triq imdawwra fuq kull ġenb bi djar mibnija bil-ġebel u bit-tajn; imma ssir ġabra ta' ħolm imżewwaq, u sensiela ta' tifkiriet ta' elf ħaġa li kienu u li qatt ma jerġgħu jiġu. Igħaddi ż-żmien, imutu n-nies, iżda la ż-żmien u l-anqas ebda tibdil ma jikser is-seher ta' din it-triq.

Xi ngħidu mbagħad għan-nies li joqogħdu f'din il-ħara! Kollha dħulin u l-biċċa l-kbira jiġu minn xulxin; igħixu lkoll qishom f'dar waħda, għax it-triq qisha l-bitħa ta' kulħadd. Hawnhekk joqgħod Toni, jaħdem it-Tarzna, għandu n-namra tal-aghsafar u l-klieb, u fis-sajf dejjem jagħmel għarix tal-qasab jew tat-tiben fuq il-bejt biex jorqod għas-sriedi; hemm joqgħod Cikku, maħruġ bis-sittin, il-gost tiegħu jdoqq il-mandolina jew il-vjolin, jew inkella jitħarreġ fuq il-klarinett, billi mdaħħal fil-banda tar-raħal ukoll. 'Il fuq issib 'l Ġanni, bil-ħanut tat-tè u tax-xorb, għandu ħanut nadif xummiema, u mgħammar sewwa bin-nies li fil-għaxija jiltaqgħu jieħdu qatra u jbillu griżmejhom qabel jidħlu jorqdu; 'l isfel tara 'l Żeppi tal-għamara, ibigħ għamara qadima, ġlekkijiet, żraben, kalzetti u qliezet tas-suldati, flanelli u drappijiet t'abbord, ħbula, qniepen, arloġġi qodma, inċrajjet, inkwatri mlaqqta nofshom mikula bil-kamla, kif ukoll xi għodda tal-ħadid jew karrozzi tat-trabi msewwija. Barra minn dawn, hemm is-surġent, tal-ittri, l-imgħallem tat-toroq u bosta oħrajn li lkoll flimkien jagħmlu għadd ġmielu ta' laqmijiet u ismijiet.

Mhix mis-sbieħ it-triq tagħna, imma fil-Ħdud u l-festi tieħu bixra oħra; tidher aktar mimlija bin-nies, aktar ħajja. Tara n-nies imbiddla għaddejja għall-quddies; it-tfal joħorġu jimxu mal-missier u n-nisa jidhru bl-aħjar ilbies tagħhom. Fil-għodu jgħaddi l-kappillan minn mat-triqat, jiġbor għall-festa jew għall-Erwieħ, b'tifel quddiemu jċempel qanpiena tal-idejn u jgħajjat li ġejjin jiġbru "għall-festa tal-qaddis tagħna". Xi wieħed bil-kaxxa tad-daqq igħaddi wkoll, isemma' erba' daqqiet sakemm ilaqqat xi sold fil-plattin, u wara erħilu jitlaq jiġri u jogħla, iċekċek is-sold mal-plattin, waqt li t-tfal imdawwrin miegħu jħarsu lejn il-kaxxa u lejn dawk l-istatwi ta' fuqha lebsin ta' Torok li jidhru jduru u jiżfnu mal-mixja tad-daqqa.

Biex in-nies ma jonqoshom xejn, jiġi ta' kull nhar ta' Ħadd wieħed xiħ. bil-karettun tal-ideja quddiemu; in-nies iduru miegħu biex jagħżlu, min qorq jew żarbun, min qmis jew berritta, u min biċċa drapp tal-Indjana biex jagħmel libsa minnha. U x-xiħ il-ħin kolla jgħajjat, b'leħen irqiq u jwassal "Ara x'għandu llum! Kalzetti tal-ħarir fin! Kollox b'irħis! Qomos u flokkijiet għar-rġiel! Ara x'ġibtilkom jien! Kemm għandi affarijiet sbieħ!"

Din hija t-triq tagħna, u ħadd minna ma jixtieq jitlaq minn ġo fiha. Kulħadd jaf li hemm triqat oħra isbaħ u ikbar, imma ħadd ma jrid jibdel il-kenn u l-wens ta' dawn l inħawi magħrufa mal-kobor u l-wisa' ta' triq ġdida. Barra dan, il-ħwejjeġ li semmejna ntisġu ħekk sfiq ma' ħajjitna li saru biċċa minna nfusna ujagħmlu t-triq tabilħaqq "tagħna". L-ebda triq oħra ma jista' jkollha għalina dik it-tifsira sbiħa li aħna nifhmu bil-kelmiet "it-triq tagħna '.

G. Cassar Pullicino

LIL MARTI

Inti forsi ma tafx, sieħba ta' ħajti,
illi fir-rbit u t-twaħħid tagħna għal dejjem
hemm saċerdozju ġdid! Anqas ma tifhem
kemm kien Alla ħanin u ta' qalb kbira
miegħek u miegħi meta seddaq żwieġna
u wettaq 'l emmna fih! B'dir-rabta mqaddsa,
marti Marija, jiena w-inti sfajna—
bir-Rieda tal-Mulej—maqdes u midbaħ
għall-kotra ta' l-ulied: qodos u safa
ikun għalhekk l-ewwel għixien: il-biża'
ta' Min ħalaqhom jinbet fihom waħdu
u joktor kull ma jmur malli l-imħabba,
kif għerq ta' siġra minnu nfih ixoqqlok
blata niedja u jerdagħha, tfawwar f'qalbhom
u ġġagħ'lhom fis jagħ'rfuh u jgħixu u jikbru
kif irid Hu u jitlob Dinna.

*

Il-ħajja
leħħet bħal berqa, maż-żerniq ta' l-iżmna,
bis-saħħa tal-Ħallieq. Minn dik il-għodwa
dan il-għamil ta' għaġeb kbir ta' mħabba
waqa' f'id il-maħluq: kien, għadu u jibqa'
dmir il-bniedem li jġeddu, ikabbru, ikattru:
u dan minn ġidd għal ġidd. Misħut min jonqos:
għajb 'l Alla w 'ill bnedmin!

*

Xorti sabiħa
kienet għalina t-tnejn, marti Marija,
li minn idejn l-ewwel missier w-omm ġensna
dax-xogħ'l jaqa' f'idejna. Xorti isbaħ
kienet għalina dik li bl-akbar ferħa
dħalna għal dal-madmad u ssoktajna lieżma
nerfgħuh b'ħila ta' sur. Għax għandu wieħed,
kbira u tqila kemm tkun b'ġidha t-tagħbija,
jibża' u jitbiegħed minnha? Għax għandha warda
ta' l-oħla fwieħa u ġmiel, mix-xewk imħarsa,
tibqa' miftuma mill-irtuba u l-għożża
ta' subgħajn xebba jew żagħżugħ? Il-ħajja
m'għandu għax jibża' minnha ħadd: jobogħdha
biss min jistmerr jarfa' salibha; nkella
ma jafx w anqas irid jitfa' għajnejn ruħu
'il fuq mill-kwiekeb; jobgħod biss il-ħajja
min b'Alla ma jemminx illi tahielu
u ħatru wkoll biex ikattarha. Id-dinja
ma timxix għall-aħjar u ssib is-sliema
għax l-għadu tagħha jsusha b'dil-mibegħda.

*

Meta jien lilek w inti lili, o marti,
ħlifna li nkunu ta' xulxin bir-rabta
taż-żwieġ nisrani, sfajna t-tnejn bħal siġra
waħda fil-ġnien tal-ħajja: u xogħ'lna u dmirna
kien wieħed biss: li minn siġritna nroddu
kemm nistgħu f'newbtu l-frott. U fraħna u fraħna
meta dis-siġra fir-rebbiegħa nawwret
u wara sajret l-ewwel frotta tagħha—
biċċa minn demmna, minn ġisimna u ruħna:
ħajja tal-ħajja tagħna. Dik is-siegħa
kienet għalina bħal misteru: inti

sirt omm u jien missier : l-imħabba u l-ġibda
tagħna għal xulxin aktar issaħħet : jiena
ħassejt li minnek ħadd u xejn ma jista'
jifridni qatt—hekk int ukoll: u s-siġra,
li kienet ħfiet mill-ewwel frott u tgħażżnet
għal ftit fix-xitwa, reġgħet ħaddret, nawwret
u tat it-tieni frott... U hekk għat-tielet,
għar-raba', il-ħames, is-sitt darba u l-bqija
tibqa' siġritna trodd f'newbitha frottha
sa ma jħalliha ż-żmien. Qatt taqta' jiesek,
sieħba ta' ħajti, meta l-għawġ u s-slaleb
u n-niket u t-twegħir ta' din il-ħajja
b'toqolhom kollu jaqgħu fuqek: Alla
ma jgħabbi 'l ħadd b'salib akbar minn ħiltu.
Dmirek, marti, qaddis: sehmek li tkabbar
u tkattar ġens il-bniedem ! X'tiswa darna
mingħajr wlied ? X'tiswa imħabbitna mċaħħda
mill-frott li jmissha trodd ? Is-sodda, in-nieqa,
Kull tlellix ieħor li hejjejna għall-miġja
ta' dak li ħlomna u xxennaqna, għidli,
x'ħajr ikun fihom mingħajr dan ? Inkattru
mela fil-għadd 'l uliedna—ir-rabta, il-qofol,
il-qalb in-nfisha tal-familja. In-nieqa
hija l-artal tal-ħajja; fil-familja
hemm il-għaqda tal-ġnus, il-knisja mbierka
fejn il-missier u l-omm dmirhom li jwettqu
l-ewwel għemil t'Alla Ħallieq. Marija,
int li sirt biċċa ġdida minni nnifsi,
kun af li wliedna, wara mewtna, iġeddu
ħajjitna f'tagħhom, f'dik ukoll ta' wliedhom
u wlied uliedhom... mingħajr tmiem. B'hekk aħna
għal kollox ma mmutux w anqas nintemmu;
u nbierku s-siegħa li rabtitna għal dejjem
bl-isħeħ eġħruq ta' mħabba—dik l-imħabba
li minnha jien u int wegħ'dna li nħasslu
qaddis 'l Alla w eroj lil Art Twelidna.

K. Vassallo

23—11—'42

Dizzjunarju ta' Sinonmi Maltin bl-etimoloġija tal-kliem

(Jorbot ma' "Leħen il-Malti" għadd 133-136)

ALLOĠĠ, KERREJJA, LUKANDA, RUKKELLA

Alloġġ (Tal. alloggio mill-*Old High German Loube* kannizzata minn *Loub* werqa mnejn il-kelmiet Ingliżi *lobby* u *lodge* mill-istess nisel.) Tingħad dar daqsxejn kbira li tinkera mgħammra min-nies barranin, ħafna drabi bil-familja b'kollox. Minn flok dil-kelma dan l-aħħar daħlet dik Ingliża loġink, *lodging* mnejn ħriġna l-verb *illoġġa*. Hekk ngħidu "dar biex talloġġa l-Ingliżi."

Kerrejja (Għ. kârâ, to hire a house (Hava). Is-sura Maltija la tinsab fil-Għarbi klassiku u l-anqas f'dak djalettali). Tingħad dar ikbar imqassma kmamar mingħajr għamara u kumditajjiet moderni u li fiha aktarx igħammru nies foqra.

Lukanda (Tal. *Locanda*, Lat. (domus) *locanda*, (dar għall-kiri). Jingħad għall-post akbar minn *alloġġ* jew loġink li jinkera għal xi żmien twil jew qasir, imqassam kmamar bħal kerrejja imma b'servizz ta' nies li qegħdin biex iduru bil-kljenti sew għal dak li hu ikel kemm għal dak li hu rqad.

Rukkella (Tal. Roccaella) Tixbaħ lill-kerrejja imma fiha aktar taraġ u aktarx aktar għolja; *Alloġġ* jew loġink tingħażel minn *Lukanda* billi ta' l-ewwel hu aktar privat iżgħar fil-kobor, qiegħed għall-kiri l-aktar tal-barranin xi drabi bil-familji tagħhom taħt it-tmexxija ta' sid li tkun aktarx mara li ddur bihom waqt li lukanda hija post akbar b'taqsim ta' ħafna kmamar, b'servizz ta' qaddejja għall-ikel u rqad jew għall-ikel biss fejn joqogħdu nies maħruġin minn darbom għall-żmien aktarx qasir. *Kerrejja* u *rukkella* jingħażlu billi ta' l-ewwel hi mgħammra minn nies aktar baxxi minn dawk li joqogħdu f'rukkella, mbarra dan għaliex is-sid tar-Rukkella hu aktarx persuna iżjed pulita minn sid ta' kerrejja. Għalhekk jgħidu r-rukkella taċ-Ċisk imma l-kerrejja ta' Ġanni.

ALTAR, MIDBAĦ

Altar (Tal. *Altare* Lat. *altare*, *altus* għoli) Jingħad għall-mejda li tista' tkun ta' l-għuda, ġebel jonkella rħam li fuqha

l-qassis jiċċelebra s-sagrifiċċju tal-quddiesa jew inkella funzjonijiet oħra religjużi.

Midbaħ (Għ. *madhbaħ*, slaughter-place minn *dhabaħ* to slaughter, Malti *debaħ* immolare la vittima (Caruana). Jingħad kull post fejn tindebaħ, jiġifieri tkun sagrifikata xi għotja lil Alla sew jekk tkun bniedem kemm ukoll jekk tkun bhima, bħal fi żmien il-Lhud li kienu jidbħu l-ogħġiela f'ġieħ Jaħwe jew bħal fost il-pagani li jidbħu in-nies lill-allat. Mela f'altar għandna l-post fejn iseħħ is-*sagrifiċċju simboliku* waqt li f'*midbaħ* għandna l-post fejn isir sagrifiċċju tassew jiġifieri bit-tixrid tad-demm. Il-kelma *midbaħ* għalhekk qatt ma għandha tinbidel ma' seħbitha *altar* ħlief f'sens imxebbaħ. Ngħidu il-midbaħ (pl. mdiebaħ) tal-imqades bħal dak ta' Ħaġar Qim imma mbagħad "L-altar il-kbir ta' San Gwann."

AMAR, IKKMANDA, ORDNA

Amar (Għ. *'amara* to command) qal b'setgħa li xi ħaġa jew għemil għandhom iseħħu; għalekk *l-emir* (sura aġġettiv) hu dak il-bniedem li għandu s-setgħa jamar jew joħroġ l-*amar*. Jgħid il-Malti "Li jien kont *emir* u int kont *emir* kieku min minna jsuq il-ħmir?' Jiġifieri jekk kulħadd ikollu setgħa indaqs taħwid jinqala' għax wieħed jista' jamar il-maqlub ta' l-ieħor, billi kif igħidu l-Ingliżi, *too many cooks spoil the broth* jew kif ngħidu aħna l-Maltin ukoll, bastiment b'żewġ kaptani jmur dravers (jew ma jimxix).

Ikkmanda (Tal. *commandare* mill-Latin mwaħħar cum+ mandare, fada) ifisser "ħaddem jew inqeda bis-setgħa tiegħu fuq xi ħadd biex iseħħ xi għemil" u minn hawn għandna wkoll il-kelma "kmandant", li qalgħet 'l barra l-oħra semitika emir (q. v.)

Ordna (Tal.-Lat. ordinare) *għarraf bis-setgħa kif jseħħ jew ikun regolat xi għemil.*

It-tlitt kelmiet jagħtu kollha l-idija ta' setgħa; jingħażlu biss fin-naqxa tal-ħsieb għax f'*amar* ma għandniex ħlief l-idija ta' setgħa waħedha waqt li f'*ikkmanda* barra l-ħjiel ta' "setgħa" għandna wkoll dik ta' responsabbiltà jew dmir x'wieħed jilħaq u li jġagħluh jamar; f'*ordni* mal-ħjel ta' "setgħa" għandna wkoll dik ta' tagħrif kif wieħed għandu jimxi fi-għemil mamur. Hekk ngħidu "Alla jamar" "il-general jikkmanda t-truppi" u "l-kap tad-Dipartiment jordna lill-impjegati tiegħu x'għandhom jagħmlu."

AMBA, ĦTIEG

Amba (imqassra minn *għamel bi*, Għ. għamal bi *to do with*) tintuża l-aktar f'sens ta' ċaħda jiġifieri msieħba mal-klejma *ma* jew *xi* fil-mistoqsijiet u tfisser "ma għandux jew **ma kellux** x'jagħmel bi" jew inkella "ma tiswielu xejn". Hekk ngħidu "il-miġwieħ x'jambihom il-flus jekk ma jsibx jixtri x'jiekol."

Ħtieġ (mien sura tal-verb mejjet ħieġ, Għ ħâġa, to need) tfisser ġie bżonn ta' xi ħaġa għalih innifsu. Waqt li f'*amba* l-idija ewlenija hija dik ta' l-*użu* u *siwi* tal-ħaġa, fi ħtieġ l-idija ewlenija hi dik ta' *bżonn*.

ANDAR, QIEGĦA

Andar (Għ. andar, threshing floor, (Hava) Tingħad għall-qiegħa (q.v.) bil-ħalel taż-żara' lest għad-dris.

Qiegħa (Għ. qâgħa *paved court* (Hava) hija dik il-qawra raba' ġo l-għalqa mwebbsa bir-rombli (mrambla) fuq il-ħamrija mxarrba u mifruxa bit-tiben fejn jinxteħtu l-ħalel taż-żara għad-dris.

F'*andar* mela hemm il-ħjiel tal-qiegħa bil-ħalel taż-żara', waqt li f'*qiegħa* għandna l-art imrambla biss.

ANQAS, IĊKEN, IZGĦAR

Anqas (grad komparativ ta' nieqes qb. Għ. 'anqas *less*) tfisser "aktar nieqes minnu", "ma fihx daqs".

Iżgħar (grad komparativ ta' żgħir qb. Għ. *'asgħar, smaller*) jiġifieri għadu fiż-żmien, mhux kbir fil-għomor jew fil-koċċ.

Iċken (grad komparattiv ta' ċkejken qb. Sp. chequeno, small, li daħlet ukoll fl-Għarbi ta' l-Afrika ta' fuq, mnejn ħadniha aħna) tfisser mhux kbir fid-daqs.

Ċkejken u żgħir bil-komparattivi tagħhom *iċken* u *iżgħar* jingħadu ħafna flok xulxin imma waqt li f'*żgħir* hemm il-ħjiel ta' daqs astratt (żgħir fiż-żmien) kif ukoll fid-daqs materjali (karta żgħira) fi *ċkejken*, hemm l-aktar il-ħjiel ta' daqs materjali biss. Imbarra dan fi ċkejken hemm l-idija ta' żegħil b'xi ħaġa gustuża fiċ-ċokon tagħha. F'nieqes—anqas, hemm il-ħjiel ta' nuqqas fil-għadd jew il-qies.

ANNUNA. GĦALENIJA

Annuna (donnha mqassra mill-lsq. *un'anima*. Tal. *unanime* traduzzjoni tal-Malti "ruħ waħda", unanimously"). Jingħad meta nies fi-għemil tagħhom ikunu magħqudin "ruħ

waħda", qishom qaqoċċa, jaqblu w jingiebu bejniethom. Jgħid il-qawl "Nies annuna jgħixu bla muna", jiġifieri nies li jgħixu qalb waħda jieklu biċċa ħobż flimkien u ma għandhom bżonn xejn.

Għalenija (Għ. għalânija, acting openly, għalânijatan, publicly, openly, (Hava). Jingħad meta kulħadd ikun kelma waħda f dak li jagħmel mingħajr ma wieħed iwaqqa' l-ieħor. F'annuna mela l-idija ewlenija hi dik ta' *sentiment* jew *fehma* magħquda "jiġifieri dik ta' *għamil* jew *imġiba* li fiha jaqbel kulħadd mhux biss imma għemil li jsir fil-beraħ, quddiem kulħadd. Mela ngħidu "il-ġmiel tal-familja meta l-ulied jgħixu annuna", "Il-membri tal-Kunsill ivvutaw il-liġi għalenija". Ngħidu ukoll "bukkun għalenija jxabba' mija" jiġifieri meta nieklu biċċa ħobż ma ħaddieħor mingħajr ma wieħed jagħmel xejn kontra l-ieħor dik il-biċċa ħobż tiġina iżjed tajba. F'dan il-qawl għandna ewlenija l-idija ta' għemil waqt li kieku fiok għalenija għidna "annuna" n-naqxa ewlenija talħsieb kienet tkun dik ta' sentiment li jħabbeb bniedem ma' ieħor. Fil-qasir f'*annuna* nħossu rwieħna magħqudin, f *għalenija* nuru rwieħna magħqudin fil-għamil

Ġ. Aquilina

(*Fadal*)

HBIEBNA

Chev. H. P. Scicluna, M.B.E., Hon. M. A. (Oxon.) L.P.	—	5	—
Sinjurina M. Butcher	—	3	6
L-E. T. Mons. M. Gonzi, Isqof ta' Għawdex	—	5	—
Sir Ġorġ Borg, President tal Qrati	1	—	—
L-On. Prof. R.V. Galea, Rettur tal-Università Rjali Malta.	—	10	—
Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)	1	15	—
Rev. G. Delia, S.J. rettur tal-kulleġ "San Lwigi"	1	—	—
Sinjura A. M. Galea	—	5	—
Prof. J. Ellul, B.Sc., M.D., F.C.O.G.	—	5	—
Sinjurina Karmen Buhagiar (Eġittu).	1	—	—
"Ġaħan"	—	2	—

Ant. Agius Ferrante
Kaxxier.

Malta f'kollox u fuq kollox!

(*Waslitilna din l-ittra minn għand il-ħabiba tagħna fl-Eġittu. Il ħeġġa tagħha għal Malta u għal dak li hu Malti juri xi jħossu ħutna fit-tiġrib tagħna. Din is-sejħa ma tistax ma tolqotniex u ma tgħiniex fix-xogħol tagħna meta huma jistennew daqshekk minna.*)

Maħbuba ħuti f'Malta!

Studenti ta' L-Università! Kittieba tal-"Malti", ta' "Leħen il-Malti" jew kittieba f'kull xejra oħra li tmiss Ilsienna nibgħatilkom b'kull qima u mħabba x-xewqat sbieħ li nagħmel għalikom "ulied maħtura ta' Malta" għal dan l-Għid Imqaddes ta' l-1942, u ngħidilkom, illi qalbi u ruħi jinsabu fik u miegħek, Malta maħbuba u għażiża!?"

F'dawn il-jiem illi s-sema ta' Malta hu msaħħab bl-ikraħ, nitlob il-Mulej b'ħerqa illi x-xemx tiġġ ma ddumx.

J'Alla, għeżież ħuti, Malta jkollha fi qlubkom imkien ewlieni f imħabbitkom u qatt ebda mħabba ma tkun tisboq lill dik tagħha; biex Malta tikber u tkun dejjiema, titlobkom biss imħabba għax fl-imħabba kull ħaġa tgħix.

Inħobbuha—ħobbuha—u Malta tgħixilna issa u wara l-ġlieda għal dejjem ta' dejjem.

Inwegħduha mħabbitna, għaliha weħidha li tinħatar minn kull imħabba oħra. Għalbiex tissoktaw il-ġlieda qaddisa għal Malta tagħna, la tehdu qatt!

Oħtkom f'kull ħaġa Maltija,

KARMEN MICALLEF BUHAGIAR

29/3/'42

Jisgħobbina li mħabba f'xi taħbit li nqala' ma stajniex inkomplu l-artiklu nteressanti ta' K. Sant fuq "Il-Ġifen Tork", mibdi fin-numru ta' qabel. Inwegħdu lill-qarrejja li nkompluh u jekk jista' jkun nispiċċawh f ħarġa oħra.

L-EDITUR.

Konkors ta' Kritika Letterarja

Ir-riżultat tal-Konkors ta' Kritika Letterarja bil-Malti, imniedi mix-"Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti" huwa dan:

L-Ewwel Premju. "Ġorġ Pisani u s-sunett tiegħu 'Lil Mikiel Anton Vassalli'" ta' Louis Ellul.

It-Tieni Premju. "Binti—Karmenu Vassallo bħala Poeta u Missier" ta' K. Ellul Galea.

Barra minn dawn, il-kitbiet li ġejjin issemmew b'tifħir mill-Eżaminaturi.

"L-Għid il-Kbir ta' Dun Karm" ta' Karm. Vassallo.

"Il-Poeżija 'Nemmen' ta' Ġużè Chetcuti" ta' Ġorġ Chetcuti.

"Il-Poeżija 'Warda li tgħid Ġrajjietha' ta' Dun Karm" ta' Rev. Francis Camilleri

L-Eżaminaturi kienu Patri Pawl Tabone o.f-m. u s-Sur Nin. Cremona.



Tishib

f'Malta u

Ghawdex

1/3d fis-sena.

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Triq San Pawl—Il-Belt.